MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Numru 901/2014

**SPETTUR JOHANN FENECH**

**VS**

**SANDRO ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Sandro Zammit ta’ 33 sena, bin Dominic u Mary nee’ Ciantar, mwieled fit- 3 ta’ Jannar 1981, ersidenti Blk H, Flt 10, Triq il- Lellux, Santa Lucija u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 47881M;

Talli fil- 21 ta’ Lulju 2014 gewwa Birzebbugia;

1) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad- dannu ta’ Silvio Debono minn Birzebbugia, liema ammont tal- hsara jiskorri €1,164.69;

2) Ikkagunat griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Silvio Debono skont kif iccertifikat Dr Caroline Attard MD mic- Centru tas- Sahha ta’ Rahal Gdid;

3) Bl- imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioe’ lil Silvio Debono, biza’ li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l- propjeta’ tieghu jew kontra l- persuna jew il- propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- Artikolu 222(1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

4) Hebb kontra Silvio Debono sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmilu hsara;

5) Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmijin band’ ohra fil- Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’ mod li hareg barra mil- limiti tal- provokazzjoni, kif ukoll;

6) B’ xi mod iehor mhux imsemmi band’ ohra fil- Kodici Kriminali, kiser volontarjament il- bon ordni jew il- kwiet tal- pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325 (1)(a), 221(1), 251(B), 339(d),(e) , 338 (dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah ghall-piena ta' tlettax (13)- il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------